MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 28

14 ta` Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta` apologija

## 28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 27(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>

28.1.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li kellhu komunikat mas-Sur Johnny Zerafa mis-Segretarjat tal-Onorevoli Dr. Justyne Caruana fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jerga` jibghat il-kwotazzjonijiet tal-lift ta-Berga tal-Ingliterra. *(Minuti 27(07) 27.1.1)*

28.1.2 Dwar Triq l-Antika, is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill rega` bghat ittra lill-Onorevoli Dr.Owen Bonnici u ghal darb`ohra l-Kunsill rega` ma rcieva l-ebda risposta. *(Minuti 27(07) 27.1.2)*

28.1.3 Dwar il-cameras tal-pjazza, il-Kunsill ifissa laqgha mas-Sur Raymond Zammit tal-LESA nhar it-Tnejn 20 ta` Frar 2017, fejn is-Sindku ssugeriexa li l-Kunsilliera min jista` jkun prezenti ghal din il-laqgha. *(Minuti 27(07) 27.1.3)*

28.1.4 Dwar il-parkegg ta` tal-linja fil-pjazza, is-Sur Boxall qal li llum stess is-Sur Micheal Cohen mill-Ministeru tal-Onorevoli Joe Mizzi mar fuq l-post flimkien mall-Kunsillier is-Sur Anton Gellel sabiex jaraw xoghol jrid issir u dan sabiex ix-xoghljiet mehtiega jsiru minn naha tal-istess Ministeru. *(Minuti 27(07) 27.2.5)*

17.29hr Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel jidhol fil-kamra.

28.1.5 Is-Sindku, s-Sur John Boxall spjega li waqt laqgha li saret mas-Sur Andrew Agius Muscat fil-prezenza ta` xi kunsilliera gew diskussi diversi attivitajiet u idejat li Sur Agius Muscat jixtieq jaghmel waqt l-attivita tal-Birgufest 2017 u dan sabiex din l-attivita tiehu xghira differenti. Dwar dawn l-idejat li gew proponuti mis-Sur Agius Muscat, il-Kunsill qabel unanimament. *(Minuti 27(07) 27.3)*

28.1.6 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-impjegat il-gdid bhala skrivan fuq bazi part time beda mall-Kunsill fl-1 ta` Frar 2017. Is-Segretajru Ezekuttiv qalet li s`issa hija sodisfatta bix-xoghol li qed taghmel. *(Minuti 27(07) 27.5)*

## 28.2 Korrispondenza

28.2.1 Mibughta ittra lis-Sur Lorenzo Zahra b`risposta ghall-ittra li ntbaghtet mis-Sur Zahra ddatata 16 ta` Jannar 2017, fejn il-Kunsill informa lis-Sur Zahra li lapida li kienet imwahhla mall-Palazz tal-Kapillani tal-Ordni fi Triq Papa Alessandru kienet giet imkissra minn persuna li fil-prezent tokkupa din il-binja u kien hemm ordni tal-qorti biex din tigi mhallsa. Is-Sur Boxall zied jghid li din il-lapida qeghda l-ghassa ta` Haz-Zabbar. Is-Sur Boxall zied jghid li jkun ahjar jekk il-Kunsill jigbor din il-lapida sabiex jaghmel wahda bhalha. Ghal dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu.

28.2.2 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minn naha ta` Jose Manuel Neira dwar progett *City Twinning* li gie approvat u li hemm diversi pajjizi ohra involuti bhal Sqallija, Latvia, Lithuania fost ohrajn. Fuq dan il-punt is-Sur Gellel qal li l-Kunsill m`ghandhux johrog flus zejda qabel l-istess Kunsill itaffi dejn li ghandhu. Il-Kunsill qabbel unanimament dwar dan il-progett sakemm il-Kunsill ma jkunx involut fi spejjez zejda.

28.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill applika mela u bghat l-applikazzjoni EFFE dwar l-attivita tal-Birgufest. Ghal din l-applikazzjoni kien hemm hlas ta` tmenin ewro. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill ma setghax jaghmel din l-applikazzjoni u talab l-ghajnuna tas-Sur JC. Azzopardi.

28.2.4 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie mgharraf minn naha tal-perit Claude Busuttil li ghall-installazzjoni ta` zewg statwi biswiet Cafe Riche m`hemmx bzonn ta` full development application imma ta` DNO application. Il-Kunsill qabel unanimament li titkompla din l-applikazzjoni biex jingibu l-permessi mehtiega.

28.2.5 Dwar ir-restawr tal-kamra ta` sular ta` fuq fejn hemm sala l-kbira fil-Berga ta` Franza, is-Sindku kiteb ittra lill-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo sabiex jghin finanzjarjament il-Kunsill sabiex ikun jista` jaghmel ir-restawr ta` din il-kamra. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mgharraf sabiex jibghat l-ispiza totali kemm hi sabiex jinstabu l-flus allokati.

28.2.6 Mibughta ittra mis-Sur Gavin Gulia dwar gemellagg propost mill-belt ta` Maruggio. B`vot unanimu l-Kunsill qabel li sakemm ma jkunx hemm involuti spejjez, il-Kunsill juri l-interess tieghu lejn dan il-gemellag.

## 28.3 Ftehim mal-Koperazzjoni WEEE.

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mas-Sur Sergio Mallia mill-organizazzjoni WEEE, fejn gie diskuss l-gbir ta` skart eletroniku fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Boxall zied jghid li intlahaq ftehim ma` din il-kumpanija fejn l-iskart elettroniku kollhu li jingabar matul il-gimgha jittiehed il-garaxx tal-Kunsill u l-haddiema tal-kumpanija WEEE darba fil-gimgha jigbru minn dan il-garaxx. Barra minn hekk is-Sindku propona li lil din il-kumpanija sabiex minn naha

taghha tikontribwixxi lura mall-Kunsill, fejn dwar dan kien hemm qbil mill-parti l-ohra. Is-Sur Boxall kompla billi qal li fil-kantina tal-Berga ta` Franza ser jitpogga trolley sabiex dawk ir-residenti li jkollom skart zghir elettroniku jitpogga f`dan it-trolley umbghad jitbattal mill-haddiema tal-kumpanija WEEE.

28.4 Decizjoni dwar il-ftehim mall-belt ta` Rhodi fil-Grecja, Bodrum fit-Turkija, Amalfi l-Italja u St. Tropez, Franza.

Is-Sindku spjega lil dawk prezenti li ntbaghtu ittri lis-Sindku rispettivi ta` dawn il-bliet sabiex issir memorandum of understanding u dan ghal fatt li dawn l-ibliet ghandhom kommuni l-istorja tal-Kavallieri ta` Malta. F`din l-ittra gew mistiedna sabiex nhar is-17 ta` Marzu 2017 jattenu ghal Mediterranean Tourism Gala Awards li tigi organizzata mill-MTF taht il-patronagg tal-Prim Ministru ta` Malta. Matul din ic-cerimonja ser jigi ffirmat il-Memorandum of Understanding. Ghal din l-ispiza ser tiehu hsieb kollox HRGM. L-ghan ta` dan l-iffirmar huwa biex nressqu aktar turisti lejn dawn l-ibliet, u sabiex jisahhah is-settur marrittimu. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Birgu ser ikun il-kap ta` dan il-Memorandum of Understanding u li dan mhux ser ikun ta `spiza ghall-Kunsill imma riklam ghall-Belt tal-Birgu u ghall-Malta.

Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li rega` kiteb lid-Direttur ta` Restoration Unit, is-Sur Norbert Gatt dwar id-dawl ta` quddiem nicca ta` San Duminku u anke dwar dawl tal-Foss li mhux qed jixghel. Is-Sur Boxall kompla jghid li l-Kunsill mhux ser jaccetta z-zamma tal-Foss f`idejh jekk dawn l-affarijiet mhux ser jigu rrangati sew. Dawn l-istess ittri qed jintbghatu lill-kuntrattur u lill-Head of Customer Care tal-Ministeru ta` Dr. Owen Bonnici.

Is-Sur Boxall iforma lil dawk prezenti li kellhu l-opportunita li jitkellem mas-Sur Gavin Gulia mill-MTA fejn is-Sindku talab l-ghajnuna tieghu biex il-performance tal-Ingaurdia fil-jum tal-Hadd tal-Birgufest 2017 issir fil-Birgu.

Is-Sur Boxall prezenta l-pjanti tal-progett tal-parkegg u tal-ground tal-Fortini. Kienet saret laqgha fil-Ministeru tal-Onorevoli Joe Mizzi flimkien ma` rapprezenati ta-Vittoriosa Stars, fejn waqt din il-laqgha kienet inghatat l-go ahead mill-Ministru sabiex jinbdew ix-xoghlijiet. Is-Sur Boxall kompla jghid li ser issir parkegg ta` zewg sulari imma mhux eskluz li jista` jsir sular iehor u ground ta` sintetic fuq sabiex jintuza mill-Vittoriosa Stars. Il-pjanti li gew murija m`humiex dawk iffinalizati. Il-Kunsill wera xewqa li dan il-parkegg jghaddi f`idejh bi ftehim. Is-Sur Boxall kompla billi qal li dan il-parkegg ghandhu jigi bi hlas/ kirja fis-sena u dan sabiex b`dawn il-flus jsir il-manutenzjoni li jkun hemm bzonn tal-istess parkegg.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall ipprezenta lill-Kunsill l-abbozz tal-Financial Statements ghas-sena 2016. Waqt il-laqgha sar komunikat bit-telefon mall-accountant peress li ma setghax ikun prezenti u tah l-ispjega tieghu fuq dan ir-rapport. Wara l-ispjega tal-accoutant lil dawk prezenti, is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta` dan ir-rapport kif

gie ipprezentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3374 – 3400, fejn cekk numru BOV 3385 gie kkancellat, u HSBC cekk numru 9624. Saru wkoll bank transfers mill-kont tal-BOV. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata l-31 ta' Jannar, 2017 sal-14 ta` Frar, 2017.

## 28.6

### Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin ghoxrin ta` filghaxija (7:40pm)u ġiet aġġornata l- laqgha Nru 29 ghat-Tlieta 7 ta' Marzu 2017 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm)

Konfermati 13 ta` Marzu 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |